# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 266/20/1 GM**

**Wilhelmina Antida Sottile Attard**

**v.**

**Nutar Mario Rosario Bonello u l-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tar-rikorrenti mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tas-6 ta' Ġunju 2022, li sabet li l-kirja protetta tal-fond 52D, Old Bakery Street, Valletta favur l-intimat Nutar Mario Rosario Bonello għall-perjodu bejn is-sena 1999 u 2020 tilledi l-jedd fundamentali tar-rikorrenti mħares bl-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallasha kumpens ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) f'danni pekunjarji u non-

pekunjarji. Il-kwistjoni tal-appelli titratta dwar kemm dam il-ksur u l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *"Ir-rikorrenti wirtet il-fond 52D Old Bakery Street, Valletta flimkien maż-żewġ ħutha oħra, mingħand ommha li ġiet nieqsa fit-23 ta' Lulju 2017. Ir-rikorrenti saret propjetarja assoluta tal-fond permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni datat 26 ta' Awwissu 2020 fl-atti tan-nutar Dottor Marco Farrugia.*
>
> *Dan il-fond kien inkera lin-Nutar Mario Rosario Bonello bħala uffiċċju nutarili, għall-perjodu ta' sittax-il sena minn omm ir-rikorrenti permezz ta' skrittura tas-26 ta' Settembru 1983 u għaldaqstant il-kera kellha tispiċċa fis-sena 1999.*
>
> *Sas-sena 2020, il-kera mħallsa kienet ta' €489.61 fis-sena.*
>
> *Fil-25 ta' Novembru 2020 il-partijiet daħlu fi ftehim ġdid għal-perjodu ta' sena b'kera ta' €5,000 li tiġġeded għal-tliet snin jekk l-intimat Nutar Bonello ma jivvakax il-post u dan versu l-kera ta' €8,400 fis-sena b'żieda ta' 5% kull sena".*

3. Fil-11 ta' Novembru 2020 ir-rikorrenti fetħet il-kawża u lmentat li hi u l-predeċessur tagħha fit-titolu ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali, kemm qabel u wkoll wara d-dħul fis-seħħ tal-Att X tal-2009, u dan peress li l-fond mikri b'kera li ma jirriflettix il-valur lokatizju tiegħu fis-suq miftuħ kif ukoll minħabba l-protezzjoni li d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] taw u għadhom jagħtu lill-intimat Nutar Bonello. Dan iwassal sabiex ma jinżammx bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-kerrej.

4. Talbet għalhekk lill-Qorti:

> *"I. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mill-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).*
>
> *II. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni viġenti tal-fond 52D, Old Bakery Street, Valletta, a favur tal-intimat Nutar Mario Rosario Bonello (K.I. 795851M), u l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk huma nulli u / jew inapplikabbli in konfront tar-rikorrenti għar-rigward tal-proprjeta' de quo.*
>
> *III. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inter alia billi tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti ma hix obbligata ġġedded l-kirja tal-fond 52D, Old Bakery Street, Valletta, lill-intimat Nutar Mario Rosario Bonello (K.I. 795851M) u tiddikjara għalhekk illi r-rikorrenti hija intitolata tirriprendi l-pussess sħiħ tal-istess fond.*
>
> *IV. Konsegwentement tordna l-iżgumbrament fi żmien qasir u perentorju tan-Nutar Mario Rosario Bonello (K.I. 795851M) mill-fond 52D, Old Bakery Street, Valletta, oltre rimedji oħra li din l-Onorabbli Qorti jidrulha xierqa sabiex tassigura illi r-rikorrenti tiġi rrintegrata fil-pussess sħiħ u godiment reali ta' ħwejjiġha.*
>
> *V. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawża tal-fatti fuq spjegati fejn inter alia ma ġiex ikkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, stante illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, fost infrazzjonijiet oħra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.*
>
> *VI. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-liġi.*
>
> *VII. Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat jħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk kif likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament".*

5. Permezz ta' risposta preżentata fid-9 ta' Diċembru 2020 l-Avukat tal-Istat wieġeb. Dwar il-kumpens argumenta:

> *"14. F'kull każ, dato ma non concesso li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fatt li qiegħed jiġi kontestat, l-esponent jirrileva li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, dikjarazzjoni ta' ksur hija suffiċjenti u ma hemmx lok għar-rimedji oħra mitluba mir-rikorrenti.*
>
> *15.Fir-rigward tar-raba' talba tar-rikorrenti, minn kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza tagħna, din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-forum addattat sabiex tordna l-iżgumbrament tal-intimat Mario Rosario Bonello. Konsegwentament, din it-talba għandha tiġi miċħuda wkoll".*

6. L-intimat inkwilin ma weġibx.

7. L-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> *"(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat Avukat tal-Istat safejn m'humiex kompatibbli ma' din is-sentenza.*
>
> *(2) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mil-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).*
>
> *(3) Tilqa' limitatament it-tieni talba u tiddikjara illi l-lokazzjoni viġenti sas-sena 2021 tal-fond 52D, Old Bakery Street, Valletta, a favur tal-intimat Nutar Mario Rosario Bonello (K.I. 795851M), u l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti kienu jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-perjodu bejn is-sena 1999 u s-sena 2020.*
>
> *(4) Tiċħad it-tielet u r-raba' talba.*
>
> *(5) Tilqa' il-ħames talba, u tiddikjara illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti matul l-imsemmi perjodu mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti minħabba tal-fatti fuq spjegati billi ma nżammx bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, u billi l-*

*lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjeta' in kwistjoni.*

*(6) Tilqa' s-sitt u s-seba' talba u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat sabiex iħallas il-kumpens dovut fis-somma ta' €16,000 f'danni pekunjarji u €1,000 f'danni mhux pekunjarji riżultanti minħabba l-istess leżjonijiet bl-imgħax legali ta' 8% mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat".*

8. Sa fejn rilevanti għal dan l-appell, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

*"...*

***Titolu u perjodu qabel wirtet ir-rikorrenti:***

*Mid-dokumenti esibiti li r-rikorrenti esebixxiet, juru li tassew għandha dritt ta' proprjeta` fuq il-fond mertu ta' din il-kawża. Għall-finijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun.*[1]

*Jgħodd ukoll il-perjodu rilevanti li matulha omm ir-rikorrenti kienet proprjetarja tal-fond de quo u dan skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali* **Nutar Dottor Pierre Cassar v Avukat tal-Istat** *tal-4 ta' Mejju 2022.*

*...*

***Likwidazzjoni ta' kumpens:***

*Il-lanjanza prinċipali tar-rikorrenti hi li l-ammont ta' kera li kienet qed tirċievi mingħand l-intimat jista' jitqies li hu rriżorju meta wieħed jikkonsidra l-ammont ta' kera li l-attriċi potenzjalment tista' tirċievi li kieku dan il-fond qiegħed jinkera fis-suq ħieles tal-proprjetà. Ir-rikorrenti tilmenta mill-fatt li t-tħaddim tal-liġi u l-impożizzjoni ta' ammont ta' kera skont dak li kien meqjus li hu fair rent fis-sena 1914 qiegħed joħloq żbilanċ bejn il-jeddijiet tagħha bħala sid u l-jeddijiet tal-kerrej, li kien qiegħed igawdu minn kirja ta' fond bi ħlas regolat bil-liġi.*

*Skont l-istima magħmula mill-perit tekniku, il-valur fis-suq miftuħ tal-fond de quo huwa ta' €240,000. Skont kif irrelata il-perit tekniku, filwaqt*

[1] Robert Galea v Avukat Ġenerali - 07.02.2017 Prim'Awla sede Kostituzzjonali.

> *li l-valur lokatizzju mill-1999 sal-2020 tela' minn €1,964 sa €8,400, il-kera kif ikkontrollata mil-liġi hija ta' €489.61.*
>
> *Il-Qorti qiegħda tistabbilixxi li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti kumpens pekunjarju li jammonta għal sittax-il elf ewro (€16,000).*
>
> *Id-dannu morali ġej minn ksur tal-jedd ta' proprjetà huwa anqas gravi minn dak ġej minn ksur ta' jeddijiet marbuta mal-ħajja jew mal-personalità, u għalhekk il-Qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' €1,000 biex jagħmlu tajjeb għall-frustrazzjoni u l-istat ta' inċertezza impost fuq ir-rikorrenti".*

9. B'rikors tat-8 ta' Ġunju 2022 ir-rikorrenti appellat minn dik is-sentenza u talbet lil din il-Qorti:

> *"tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Ġunju 2022 billi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat, u tikkonfermaha wkoll fejn laqgħat it-talbiet attriċi, b'dan illi għandha tirriformaha in kwantu għandu għal-likwidazzjoni tad-danni milli għandu jiġi dikjarat u deċiż u deċiż illi l-leżjoni li sofriet r-rikorrenti kienet għall-perjodu kollu kif mitlub fir-rikors kostituzzjonali tagħha, ossia mill-1999 sal-2021, u b'hekk id-danni pekunarji għandhom jiġu likwidati fl-ammont ta' mhux anqas minn €55,000, jew somma oħra verjuri, oltre dannu non-pekunarju ammontanti għal mill-inqas €15,000, globalment ammontanti għal €70,000.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat Avukat tal-Istat".*

10. L-Avukat tal-Istat wieġeb illi l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

11. L-intimat l-ieħor ma weġibx.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>:**

12. Ir-rikorrenti appellanti sostanzjalment tilmenta mill-kumpens mogħti mill-Ewwel Qorti. Tgħid li huwa evidenti li ġie kkalkolat biss il-perjodu minn meta hija wirtet il-fond mingħand ommha Helma Attard u li f'kull każ, fil-likwidazzjoni tal-kumpens, il-Qorti tal-Ewwel Grad ma żammitx mal-insenjamenti tal-Qorti Ewropea bħal fil-kawża **<u>Cauchi v. Malta</u>**. Tgħid li bħala eredi ta' ommha hija daħlet fiż-żarbun tagħha u għalhekk il-kumpens pekunarju u non-pekunarju dovut lilha għandu jammonta għal somma komplessiva ta' mhux inqas minn €70,000.

13. L-Avukat tal-Istat min-naħa l-oħra wieġeb illi dak li qiegħda titlob l-appellanti huwa li tiġi kkumpensata għall-perjodi li għalihom ma kellha l-ebda dritt, mhux biss għaliex kien hemm l-antekawża tagħha fix-xena, iżda għaliex kien biss permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni li sar fis-sena 2020 li l-appellanti saret sid tal-fond intier.

14. Għal dawk li huma fatti:

i. Permezz ta' skrittura privata tas-26 ta' Settembru 1983, il-fond 52D, Old Bakery Street, Valletta kien ingħata b'lokazzjoni lill-intimati Bonello għall-perjodu ta' sittax-il sena b'seħħ mill-21 ta' Ġunju 1983 u b'kera ta' Lm72 fis-sena u l-kera titħallas kull sitt xhur bil-quddiem. Il-

fond kien mikri biex jintuża bħala uffiċċju minn fejn jeżerċita l-professjoni legali. Fil-kuntratt jingħad ukoll li wara ħmistax-il sena l-kera tiżdied minn Lm72 għal Lm120.

ii. L-inkwilin kien ilu jgawdi mill-protezzjoni tal-kirja taħt Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta mill-21 ta' Ġunju 1999[2] sal-20 ta' Diċembru 2020[3];

iii. Il-fond kien proprjetà tal-awtriċi tar-rikorrenti, ommha Helma Attard, li mietet fit-23 ta' Lulju 2017. Il-werriet tagħha huma t-tliet uliedha, fosthom ir-rikorrenti;

iv. Fis-26 ta' Awwissu 2020 sar il-kuntratt ta' qsim bejn ir-rikorrenti u ħutha li ġiet assenjata l-fond oġġett tal-kawża.

15. Għalhekk ir-rikorrenti hi skont il-liġi s-suċċessur diretta ta' ommha għal dak li jirrigwarda l-fond inkwistjoni (Art. 946 tal-Kodiċi Ċivili).

16. B'hekk ir-rikorrenti għandha raġun targumenta illi għal dak li jikkonċerna l-kumpens pekunjarju, mhux inkluż il-kumpens non-pekunjarju, ladarba l-ksur beda jseħħ meta l-fond kien għadu proprjetà tal-awtriċi tagħha, id-*dies a quo* għandu jkun minn dak iż-żmien. Dan għaliex bħala suċċessuri universali, il-werrieta jġarrbu d-danni diretta-

---
[2] Fol. 7 *et seq.*
[3] Fol. 87.

ment meta l-patrimonju li jirtu jkun anqas milli kien ikun li kieku dak il-patrimonju ma ġarrabx dak it-telf. Is-suċċessuri jirtu allura, mhux tant id-dritt fundamentali tal-awturi fit-titolu tagħhom, iżda d-danni patrimonjali.[4]

17. Isegwi minn dan li r-rikorrenti hi intitolata għall-kumpens sħiħ li matulu l-kirja inkwistjoni kienet protetta bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ossija mill-21 ta' Ġunju 1999 sal-11 ta' Novembru 2020 (data tal-ftuħ tal-kawża).

18. Dan jidher li ġie rikonoxxut fis-sentenza appellata, kemm fil-konsiderazzjonijiet (ara l-parti ntitoltata *'Titolu u perjodu qabel wirtet ir-rikorrenti'*), kif ukoll fid-deċide (ara para 3 permezz ta' liema ġie deċiż illi l-lokazzjoni viġenti u l-liġijiet rilevanti jilledu l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-perjodu bejn is-sena 1999 u s-sena 2020).

19. Għal dak il-perjodu l-Ewwel Qorti llikwidat kumpens pekunarju ta' €16,000 u kumpens non-pekunjarju ta' €1,000. Ir-rikorrenti ssostni li skont il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin u tal-Qorti Ewropea l-kumpens li għandu jingħata huwa f'somma ta' mhux anqas minn €70,000 (rappreżentanti €55,000 f'danni pekunjarji u €15,000 f'danni non-pekunjarji).

---

[4] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Guido Paul Pace et v. Grace Micallef et** mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 2022.

20. Skont l-istima li saret mill-perit tekniku nkarigat mill-Qorti,[5] il-valur tal-fond inkwistjoni f'Ġunju tal-2021 kien ta' €240,000. Il-perit tekniku ta wkoll stima tal-valur lokatizju tal-fond fis-suq miftuħ għall-perjodu mill-1987 sal-2020. L-istimi mill-21 ta' Ġunju 1999 sas-sena 2000 jagħtu total ta' madwar €90,000. Il-Qorti tinnota li l-istimi li ta l-perit tekniku għas-snin 1987 sal-1998 huma ferm ogħla mill-kera li sid il-kera ftehmet mal-inkwilin skont l-iskrittura privata ta' lokazzjoni. Madankollu dan mhuwiex determinanti għall-aggravju tar-rikorrenti peress li dak il-perjodu mhuwiex il-mertu tal-appell.

21. Il-kriterji ta' Cauchi[6] jippermettu tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) minħabba l-għan soċjali tal-liġi. Madankollu f'dan il-każ il-kirja hi ta' fond biex jintuża bħala uffiċċju għall-professjoni legali, fejn allura m'hemmx dak l-istess element soċjali li nsibu f'każ ta' residenza. Għalhekk meta tnaqqas 25% mis-somma ta' €90,000, it-total hu €67,500. Tnaqqis ieħor ta' għoxrin fil-mija (20%) bil-kriterju ta' Cauchi[7] jħalli bilanċ ta' €54,000.

22. Mill-iskrittura privata tas-26 ta' Settembru 1983 jirriżulta li fl-1999 il-kera kienet €279 (Lm120) fis-sena.[8] Fl-atti hemm riċevuti ta' kera li

---

[5] Fol. 65.

[6] **Cauchi *v.* Malta** (rik. 14013/19), Q.E.D.B. 25 ta' Marzu 2021.

[7] *'104. Furthermore, the Court is ready to accept, particularly in view of the recent boom in property prices, that if the property had not been subject to the impugned regime it would not necessarily have been rented out throughout the entire period. Therefore, it is acceptable to consider that the actual losses were less than those claimed, by at least 20%'*.

[8] Fol. 80.

jirreferu għall-perjodu 21 ta' Diċembru 2012 sal-20 ta' Diċembru, 2019 minn fejn jirriżulta li sid il-kera kienet qiegħda tirċievi €489.61 fis-sena. Madankollu, wieħed irid jikkonsidra wkoll dak li setgħet tirċievi sid il-kera skont l-Art. 1531D tal-Kodiċi Ċivili (introdott bl-Att X tal-2009). Mill-1 ta' Jannar 2010 kellha jedd titlob 15% awment kull sena. Imbagħad mis-sena 2014 awment ta' 5% kull sena. Irrispettivament jekk sid il-kera talbitx l-awment tal-kera kull sena mingħand l-inkwilin kif kellha dritt li titlob skont il-liġi, ma tistax tieħu vantaġġ min-nuqqas tagħha li titlob dak l-awment.

23. Mill-kalkoli li għamlet il-Qorti l-kera li s-sid irċeviet jew kellha jedd tirċievi matul il-perjodu rilevanti kienet ta' madwar €9,000. B'hekk il-kumpens pekunjarju li għandu jitħallas lir-rikorrenti hu €54,000 - €9,000 = ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000).

24. Għal dak li jirrigwarda l-kumpens non-pekunarju, is-somma pretiża mill-appellanti (€15,000) hija eċċessiva. Kif diġà ngħad, il-kumpens non-pekunjarju ma jintiritx mis-suċċessur tal-awtur. Fil-każ tar-rikorrenti l-leżjoni bdiet meta wirtet lill-ommha li mietet fid-23 ta' Lulju 2017, ċjoè perjodu ta' ftit aktar minn 3 snin qabel ma ġiet preżentata din il-kawża.

25. Għalhekk is-somma ta' €1,000 li ffissat l-Ewwel Qorti hi suffiċjenti.

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tar-rikorrenti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2022 fis-sens li minflok kumpens pekunjarju ta' sittax-il elf ewro (€16,000) l-Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti kumpens pekunjarju ta' ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000). Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-appell a karigu tal-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm